


Linji gwida

Dwar il-portabbiltà tal-informazzjoni bejn ir-repożitorji tat-titolizzazzjoni skont ir-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni



Werrej

I. Kamp ta' applikazzjoni.....	2
II. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet	2
III. Għan.....	4
IV. Obbligi ta' konformità u rapportar	5
V. Linji gwida dwar il-portabbiltà tal-informazzjoni bejn ir-repożitorji tat-titolizzazzjoni	5
VI. Anness	9

I. Kamp ta' applikazzjoni

Min?

1. Dawn il-linji gwida japplikaw għar-repożitorji tat-titolizzazzjoni.

Xiex?

2. Dawn il-linji gwida jipprovdu kjarifika dwar kif tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi fl-Artikoli 78(9)(c) u 79(3) tal-EMIR, kif applikati mill-Artikolu 10(2) tar-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni. B'mod partikolari, dawn il-linji gwida jipprovdu kjarifika dwar:
 - (a) it-trasferiment ta' informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni minn repożitorju tat-titolizzazzjoni li minnu tkun ġiet irtirata r-reġistrazzjoni lejn repożitorji tat-titolizzazzjoni oħrajn; u
 - (b) il-kontenut tal-politiki għat-trasferiment ordnat ta' *data* li repożitorju tat-titolizzazzjoni jrid jistabbilixxi għat-trasferiment ta' informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni lejn repożitorji tat-titolizzazzjoni oħrajn fejn mitlub minn entità relatriċi jew fejn meħtieġ mod ieħor.
3. Dawn il-linji gwida ma jkoprux sitwazzjonijiet li ma jkunux jeħtieġu t-trasferiment ta' informazzjoni, bħal meta l-entitajiet relatriċi jkunu ddeċidew li jirrapportaw għand żewġ repożitorji tat-titolizzazzjoni jew aktar fl-istess ħin.

Meta?

4. Dawn il-Linji gwida se jiġu tradotti fil-lingwi uffiċjali tal-UE u ppubblikati fuq is-sit web tal-ESMA. L-ESMA se tikkunsidrahom għall-fini tas-superviżjoni tagħha mill-1 ta' Jannar 2021, ħlief għal-Linji Gwida relatati mal-Artikolu 78(9)(c) tal-EMIR, li l-ESMA se tikkunsidra għall-fini tas-superviżjoni tagħha mit-18 ta' Ġunju 2021.

II. Referenzi leġiżlattivi, taqsiriet u definizzjonijiet

Referenzi leġiżlattivi

Ir-Regolament tal-ESMA

Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE¹

¹ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

<i>Ir-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni</i>	Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jstabilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 ²
<i>EMIR</i>	Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012, dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad- <i>data</i> dwar it-tranżazzjonijiet ³
<i>Ir-Regolament Delegat dwar ir-Rekwiżiti għall-Iżvelar tat-Titolizzazzjoni</i>	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1224 tas-16 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni u d-dettalji ta' titolizzazzjoni li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-oriġinatur, mill-isponsor u mill-SSPE ⁴
<i>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar ir-Rekwiżiti għall-Iżvelar tat-Titolizzazzjoni</i>	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1225 tad-29 ta' Ottubru 2019 li jstabilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-format u l-mudelli standardizzati biex l-informazzjoni u d-dettalji ta' titolizzazzjoni mill-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE jiġu magħmulin disponibbli ⁵
<i>Ir-Regolament Delegat dwar l-Istandards Operazzjonali għal Repożitorju tat-Titolizzazzjoni</i>	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1229 tad-29 ta' Novembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar standards operazzjonali għal repożitorju tat-titolizzazzjoni għall-ġbir, l-aggregazzjoni, it-tqabbil, l-aċċess u l-verifika tal-kompletezza u l-konsistenza tad- <i>data</i> ⁶
<i>Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tan-Notifika STS</i>	Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1227 tat-12 ta' Novembru 2019 li jstabilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' mudelli għall-forniment ta' informazzjoni skont ir-rekwiżiti ta' notifika STS ⁷
<i>Ir-Regolament Delegat dwar l-Applikazzjoni tar-Repożitorju tat-Titolizzazzjoni</i>	Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1230 tad-29 ta' Novembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw id-dettalji tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' repożitorju tat-titolizzazzjoni u d-dettalji tal-

² ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35.

³ ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1.

⁴ ĠU L 289, 03.09.2020, p. 1.

⁵ ĠU L 289, 03.09.2020, p. 217.

⁶ ĠU L 289, 03.09.2020, p. 335.

⁷ ĠU L 289, 03.09.2020, p. 315.

applikazzjoni simplifikata għal estensjoni tar-reġistrazzjoni ta' repożitorju tat-tranżazzjonijiet ⁸

Taqsiriet

<i>ESMA</i>	L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq
<i>UE</i>	L-Unjoni Ewropea
<i>XML</i>	eXtensible Markup Language

Definizzjonijiet

repożitorju tat-titolizzazzjoni antik repożitorju tat-titolizzazzjoni li għalih entità relatriċi waqfet tirrapporta titolizzazzjonijiet skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni jew minħabba deċiżjoni ta' dik l-entità jew minħabba l-irtirar tar-reġistrazzjoni ta' dak ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni

repożitorju tat-titolizzazzjoni ġdid repożitorju tat-titolizzazzjoni li lilu entità relatriċi li tkun waqfet tirrapporta titolizzazzjonijiet lil repożitorju tat-titolizzazzjoni antik tirrapporta titolizzazzjonijiet skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni jew tkun ikkomunikat bil-miktub l-intenzjoni tagħha li tagħmel dan, anki jekk tkun għadha ma daħlitx f'relazzjoni kuntrattwali

III. Għan

5. Dawn il-linji gwida huma bbażati fuq l-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-ESMA. L-oġġettivi ta' dawn il-linji gwida huma li jiġu stabbiliti Prattiki Superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi fi fhdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja u li tiġi żgurata l-applikazzjoni komuni, uniformi u konsistenti tar-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni. Dawn il-Linji Gwida jilħqu dawn l-oġġettivi billi jiddeskrivu l-kontenut tal-politiki għat-trasferiment tad-*data* skont it-tifsira tal-Artikoli 78(9)(c) u 79(3) tal-EMIR, kif applikat mill-Artikolu 10(2) tar-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni, bi tliet għanijiet:
 - (a) jitneħħew l-ostakoli tal-portabbiltà mill-ambjent kompetittiv tar-repożitorji tat-titolizzazzjoni li jirfed ir-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni, u jiġi żgurat li l-parteċipanti fis-suq ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-ambjent multiplu tar-repożitorji tat-titolizzazzjoni;
 - (b) tiġi żgurata l-kwalità tal-informazzjoni disponibbli għall-investituri, għall-investituri potenzjali u għall-awtoritajiet pubbliċi, meta entità relatriċi tibdel ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni li tirrapporta lilu, irrispettivament mir-raġuni għal tali bidla;

⁸ ĠU L 289, 03.09.2020, p. 345.

(c) jiġi żgurati li jkun hemm mod konsistenti u armonizzat li bih jiġu trasferiti r-reġistri minn repożitorju tat-titolizzazzjoni wieħed għal ieħor u l-appoġġ għall-kontinwità tar-rapportar u r-rikonċiljazzjoni fil-każijiet kollha, inkluż l-irtirar tar-reġistrazzjoni ta' repożitorju tat-titolizzazzjoni.

6. Il-ħtieġa għat-trasferiment ta' informazzjoni lejn repożitorju tat-titolizzazzjoni ieħor tista' tinħoloq għal diversi raġunijiet. Għalhekk il-linji gwida jindirizzaw separatament is-sitwazzjonijiet fejn (i) it-trasferiment isir fuq bażi volontarja u taħt kundizzjonijiet normali tas-suq; u (ii) it-trasferiment ikun dovut għall-irtirar tar-reġistrazzjoni tar-repożitorju tat-titolizzazzjoni. L-inċentivi u l-motivazzjonijiet għall-partijiet rilevanti f'kull wieħed miż-żewġ każijiet ikunu differenti u għalhekk hemm bżonn ta' approċċ speċifiku f'kull sitwazzjoni partikolari.

IV. Obbligi ta' konformità u rapportar

Status tal-linji gwida

7. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-ESMA, ir-repożitorji tat-titolizzazzjoni għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida.
8. L-ESMA se tivvaluta l-applikazzjoni ta' dawn il-linji gwida mir-repożitorji tat-titolizzazzjoni permezz tas-superviżjoni diretta kontinwa tagħha.

Rekwiżiti ta' rapportar

9. Ir-repożitorji tat-titolizzazzjoni mhumiex meħtieġa jirrapportaw jekk jikkonformawx ma' dawn il-linji gwida.

V. Linji gwida dwar il-portabbiltà tal-informazzjoni bejn ir-repożitorji tat-titolizzazzjoni

10. Jenħtieġ li r-repożitorju tat-titolizzazzjoni antik u r-repożitorju tat-titolizzazzjoni ġdid biss iwettqu t-trasferiment tal-informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni.
11. Jenħtieġ li t-trasferiment tal-informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni jitwettaq mir-repożitorji tat-titolizzazzjoni skont pjan ta' migrazzjoni maqbul b'mod reċiproku. Jenħtieġ li l-pjan ta' migrazzjoni jkun dettaljat. Jenħtieġ li dan jinkludi skeda ta' żmien u deskrizzjoni tal-kontrolli meħtieġa implimentati sabiex jiġi żgurat it-trasferiment fil-ħin, komplut u preċiż tal-informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni ddeżinjata. Meta r-raġuni għal trasferiment ta' informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni tkun l-irtirar tar-reġistrazzjoni, il-pjanijiet ta' migrazzjoni għat-trasferiment tal-informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni jenħtieġ li jiġu inklużi bħala parti mill-pjan ta' strateġija ippreżentat mir-repożitorju tat-titolizzazzjoni lill-ESMA.

12. Jenħtiegħ li r-repożitorji tat-titolizzazzjoni kollha involuti jużaw mudell ta' pjan ta' migrazzjoni maqbul b'mod reċiproku bejniethom. Jenħtiegħ li l-mudell tal-pjan ta' migrazzjoni jinkludi l-kontenut stabbilit fil-paragrafu 13.
13. Jenħtiegħ li l-pjan ta' migrazzjoni jinkludi l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) il-kamp ta' applikazzjoni tat-trasferiment tal-informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni, inklużi l-entitajiet relatriċi li t-titolizzazzjonijiet tagħhom huma involuti u t-titolizzazzjonijiet li l-informazzjoni tagħhom trid tiġi ttrasferita;
 - (b) ir-rwoli u r-responsabbiltajiet dettaljati tal-entitajiet involuti;
 - (c) l-iskeda ta' żmien u l-istadji importanti rilevanti għat-trasferiment;
 - (d) il-kontrolli meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni trasferita, inkluż it-tip ta' kriptaġġ użat;
 - (e) il-kontrolli meħtieġa sabiex jiġu żgurati l-integrità u l-preċiżjoni tal-informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni trasferita, inklużi checksums kriptografiċi u algoritmi ta' hashing;
 - (f) il-kontrolli meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operazzjonijiet kif ukoll l-istatus tar-rikonċiljazzjoni fir-repożitorji tat-titolizzazzjoni tal-elementi li jkunu qegħdin jiġu trasferiti;
 - (g) il-ħin ta' qtuġħ tal-informazzjoni li trid tiġi trasferita;
 - (h) id-disponibbiltà sussegwenti tal-informazzjoni għall-utenti elenkati fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni; u
 - (i) kwalunkwe informazzjoni oħra li ser tiffaċilita u tiżgura t-trasferiment bla xkiel tal-informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni.
14. Ir-repożitorji tat-titolizzazzjoni għandhom jittrasferixxu informazzjoni lil xulxin billi jużaw il-format XML u l-mudelli definiti skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni dwar ir-Rekwiżiti ta' Divulgazzjoni tat-Titolizzazzjoni u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tan-Notifika STS.
15. Jenħtiegħ li r-repożitorji tat-titolizzazzjoni jużaw protokoll siguri bejn magna u oħra, inkluż il-Protokoll ta' Trasferiment tal-Fajl SSH, sabiex jittrasferixxu l-informazzjoni bejniethom.
16. Jenħtiegħ li r-repożitorji tat-titolizzazzjoni jużaw protokoll avvanzati ta' kriptaġġ u jenħtiegħ li jiskambjaw il-kodiċijiet rilevanti pubbliċi ta' kriptaġġ bejniethom. Sabiex jiżguraw il-funzjonament kontinwu, jenħtiegħ li r-repożitorji tat-titolizzazzjoni jittestjaw minn qabel li huma kapaċi jikkriptaw u jiddekriptaw l-informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni ta' xulxin.
17. Ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni antik jenħtiegħ li jidentifika l-għadd ta' titolizzazzjonijiet li l-informazzjoni tagħhom trid tiġi ttrasferita u l-għadd ta' fajls korrispondenti (skont l-identifikatur uniku, il-kodiċi tal-entrata u l-kronogramma tas-sottomissjoni) li se jiġu ttrasferiti għar-repożitorju tat-titolizzazzjoni ġdid. Ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni antik

jenħtiegħ li jitlob konferma mill-entità relatriċi tal-fajls li għandhom jiġu ttrasferiti fir-repożitorju tat-titolizzazzjoni ġdid u jenħtiegħ li jsolvi d-diskrepanzi kollha mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol.

18. Għal kull fajl ġenerat u trasferit, jenħtiegħ li r-repożitorju tat-titolizzazzjoni antik jiġġenera u jinkludi fit-trasferiment tal-informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni checksum kriptografika skont algoritmu ta' hashing maqbul b'mod reċiproku.
19. It-trasferiment ta' informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni għandu jsir f'jum mhux tax-xogħol. B'mod eċċezzjonali, ir-repożitorji tat-titolizzazzjoni antik u ġdid jistgħu jaqblu li jwettquh f'jum ta' xogħol skont il-volum mistenni tat-trasferiment.
20. Hekk kif it-trasferiment tal-fajls rilevanti kollha relatati ma' titolizzazzjoni li l-informazzjoni tagħha tkun se tiġi ttrasferita jiġi kkonfermat mir-repożitorju tat-titolizzazzjoni ġdid, ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni antik jenħtiegħ li ma jaċċettax aktar sottomissjonijiet ta' *data* minn entitajiet relatriċi relatati ma' dik it-titolizzazzjoni.
21. Sakemm jitlesta t-trasferiment tal-fajls rilevanti kollha ta' titolizzazzjoni identifikata, ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni ġdid jenħtiegħ li ma jaċċettax sottomissjonijiet ta' *data* minn entitajiet relatriċi relatati ma' dik it-titolizzazzjoni.
22. Ladarba t-trasferiment ta' informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni jkun komplut, ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni ġdid jenħtiegħ li jindirizza l-informazzjoni bl-istess mod bħal informazzjoni oħra riċevuta direttament mill-entitajiet relatriċi.
23. Wara t-trasferiment tar-rekords ta' entità relatriċi mir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik għar-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-ġdid, ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik jenħtiegħ li ma jitlob l-ebda tariffa jew jitlob kumpens ieħor jew remunerazzjoni oħra għaż-żamma tar-rekords ta' dawġ ir-rekords.
24. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni li trid tiġi ttrasferita għandu jinkludi mill-inqas:
 - (a) fil-każ fejn entità relatriċi tiddeċiedi li tittrasferixxi r-rapportar tagħha għal repożitorju ta' titolizzazzjoni ġdid, l-informazzjoni kollha stabbilita fl-Artikolu 7 tar-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni, kif speċifikat aktar fir-Regolament Delegat dwar ir-Rekwiżiti għall-lżvelar tat-Titolizzazzjoni, riċevuta mir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik dwar it-titolizzazzjonijiet irrapportati minn dik l-entità relatriċi;
 - (b) fil-każ fejn it-trasferiment ikun dovut għall-irtirar tar-reġistrazzjoni tar-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik, l-informazzjoni kollha stabbilita fl-Artikolu 7 tar-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni, kif speċifikat aktar fir-Regolament Delegat dwar ir-Rekwiżiti għall-lżvelar tat-Titolizzazzjoni, riċevut mir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik; u
 - (c) ir-reġistru tar-rapportar kif stabbilit fl-Artikolu 8(1)(e) tar-Regolament Delegat dwar l-Istandards Operazzjonali tar-Repożitorju tat-Titolizzazzjoni relatat ma' kull titolizzazzjoni li l-informazzjoni tagħha għandha tiġi ttrasferita.

25. L-informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni għandha tiġi ttrasferita f'istanza waħda.
26. Bħala eċċezzjoni, f'każ li l-informazzjoni kollha dwar it-titolizzazzjoni ma tkunx tista' tiġi ttrasferita f'istanza waħda, ir-repożitorji tat-titolizzazzjoni jenħtieġ li l-ewwel jittrasferixxu l-informazzjoni relatata mat-titolizzazzjonijiet li ma jkunux immaturaw fid-data tat-trasferiment u t-tieni l-informazzjoni relatata ma' dawk li jkunu diġà mmaturaw fid-data tat-trasferiment.
27. L-informazzjoni relatata ma' dawk it-titolizzazzjonijiet jenħtieġ li tiġi ttrasferita skont is-sekwenza li ġejja:
 - (a) l-aħħar sottomissjoni tal-informazzjoni stabbilita fl-Annessi II sa XV għar-Regolament Delegat dwar ir-Rekwiżiti għall-Iżvelar tat-Titolizzazzjoni;
 - (b) l-aħħar sottomissjoni tal-entrati disponibbli msemmija fit-Tabella 3 fl-Anness I għar-Regolament Delegat dwar ir-Rekwiżiti għall-Iżvelar tat-Titolizzazzjoni, bl-eċċezzjoni tal-mudelli stabbiliti fir-Regolament Delegat dwar ir-Rekwiżiti għall-Iżvelar tat-Titolizzazzjoni;
 - (c) l-informazzjoni l-oħra kollha riċevuta mir-repożitorju tat-titolizzazzjoni; u
 - (d) ir-reġistru tar-rapportar kif stabbilit fl-Artikolu 8(1)(e) tar-Regolament Delegat dwar l-Istandards Operazzjonali tar-Repożitorju tat-Titolizzazzjoni.
28. Ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik jenħtieġ li jipprovdi lill-ESMA b'biżżejjed evidenza li t-trasferimenti kollha deskritti f'dawn il-Linji Gwida kienu ta' suċċess.
29. Fil-każ ta' rtirar pendenti tar-reġistrazzjoni ta' repożitorju tat-titolizzazzjoni, ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik u r-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-ġdid jenħtieġ li japplikaw il-proċedura stabbilita fl-Anness A.
30. Fil-każ ta' trasferiment ta' informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni mitlub minn entità relatriċi, ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik u r-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-ġdid jenħtieġ li japplikaw il-proċedura stabbilita fl-Anness B. Ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik jenħtieġ li ma jirrifjutax talba għat-trasferiment ta' informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni.

VI. Anness

ANNEX A

Proċedura għat-trasferiment ta' informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni f'każ ta' rtirar tar-reġistrazzjoni

1. Fil-każ ta' rtirar volontarju tar-reġistrazzjoni (jiġifieri r-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik jirrinunzja espliċitament għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni), ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik jenħtieġ li jinnotifika lill-ESMA qabel id-data maħsuba tal-waqfien tal-operazzjonijiet u mbagħad jenħtieġ li jinnotifika mingħajr dewmien lill-entitajiet ta' rapportar affettwati u lill-utenti rreġistrati tar-repożitorji tat-titolizzazzjoni. Għal repożitorji tat-titolizzazzjoni b'aktar minn 50 entità relatriċi jew 100 utent irreġistrat fiż-żmien tad-deċiżjoni tar-repożitorju li jwaqqaf l-operazzjonijiet, jenħtieġ li l-ESMA tiġi avżata mill-inqas disa' xhur qabel id-data ta' waqfien maħsuba. F'każijiet oħra, jenħtieġ li jingħata avviż mill-inqas sitt xhur bil-quddiem.
2. Fil-każ ta' rtirar mhux volontarju tar-reġistrazzjoni (jiġifieri l-każijiet l-oħra kollha indikati fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament dwar it-Titolizzazzjoni), l-ESMA jenħtieġ li tinforma lir-repożitorji tat-titolizzazzjoni rreġistrati l-oħra li huma jstgħu jstennew li jirċievu informazzjoni li kienet oriġinarjament irrapportata lir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik.
3. Ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik jenħtieġ li jħejji l-pjan ta' migrazzjoni u jippreżentah lill-ESMA u lir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-ġdid. Ir-repożitorji tat-titolizzazzjoni l-antiki u l-ġodda jenħtieġ li jqajmu kwalunkwe oġġezzjoni jew tħassib potenzjali u, wara li jsovvuhom, iqsu l-pjan ta' migrazzjoni kif maqbul.
4. Għal kull titolizzazzjoni, ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik jenħtieġ li jipprovdi lill-ESMA u lir-repożitorji tat-titolizzazzjoni l-ġodda l-oħra bl-informazzjoni li ġejja dwar l-elementi soġġetti għat-trasferiment għal kull repożitorju tat-titolizzazzjoni ġdid:
 - (a) in-numru totali ta' titolizzazzjonijiet li l-informazzjoni tagħhom għandha tiġi trasferita;
 - (b) l-għadd totali ta' entrati (bl-użu tal-kodiċijiet stabbiliti fit-Tabella 3 fl-Anness I għar-Regolament Delegat dwar ir-Rekwiżiti għall-Iżvelar tat-Titolizzazzjoni u l-kronogrammi tas-sottomissjoni assoċjati).
5. Ladarba l-għadd ta' titolizzazzjonijiet li l-informazzjoni tagħhom għandha tiġi ttrasferita u l-għadd ta' elementi jiġu nnotifikati lill-ESMA, ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik għandu jipproċedi bit-tnejja tal-fajls rilevanti għat-trasferiment skont dawn il-Linji Gwida wara li jirċievi l-konferma mill-ESMA. Jenħtieġ li r-repożitorju tat-titolizzazzjoni antik u r-repożitorju tat-titolizzazzjoni ġdid iwettqu l-pjan ta' migrazzjoni. Jenħtieġ li r-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik jittrasferixxi l-fajls ġenerati lir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-ġdid, li jirrikonoxxi t-trasferiment tal-fajl. Il-prijoritizzazzjoni tas-sekwenza stabbilita f'dawn il-Linji Gwida jenħtieġ li tiġi segwita u t-titolizzazzjonijiet li jridu jiġu ttrasferiti jiġu segmentati għal kull entità relatriċi.

6. Ir-repożitorji tat-titolizzazzjoni jenħtieġ li jittrasferixxu l-fajls fi tmiem il-ġimgħa predeterminat jew, f'każ li l-volum tal-fajls ma jippermettix it-trasferiment simultanju fi tmiem il-ġimgħa predeterminat, mal-ewwel opportunità fi żmien il-ġimgħa kalendarja li jmiss.
7. Kwalunkwe kwistjoni identifikata u l-progress li jkun sar jenħtieġ li jiġu rapportati b'mod regolari lill-ESMA fil-ħin.
8. Jenħtieġ li r-repożitorji tat-titolizzazzjoni ġodda jiddeterminaw iċ-ċifri u l-informazzjoni li ġejjin għar-reġistri riċevuti u jivverifikaw il-kompletezza tat-trasferiment:
 - (a) l-għadd totali ta' titolizzazzjonijiet li l-informazzjoni tagħhom ġiet trasferita;
 - (b) l-għadd totali ta' entrati (bl-użu tal-kodiccijiet stabbiliti fit-Tabella 3 fl-Anness I għar-Regolament Delegat dwar ir-Rekwiżiti għall-Iżvelar tat-Titolizzazzjoni u l-kronogrammi tas-sottomissjoni assoċjati).
9. Jenħtieġ li r-repożitorji tat-titolizzazzjoni l-ġodda jinnotifikaw lill-ESMA u lir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik dwar ir-riżultat tal-verifika. F'każ ta' nuqqas ta' verifika, jenħtieġ li l-kawża prinċipali tiġi investigata miż-żewġ partijiet (repożitorji tat-titolizzazzjoni l-antiki u l-ġodda) u l-proċess tat-trasferiment jiġi ripetut sakemm it-trasferiment tal-informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni jkun ta' suċċess.
10. Ladarba t-trasferiment ikun tlesta, ir-repożitorji tat-titolizzazzjoni l-ġodda jenħtieġ li jinnotifikaw lill-entitajiet relatriċi rilevanti u lill-utenti rreġistrati permezz ta' email dwar il-konklużjoni b'suċċess tat-trasferiment.
11. Ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik jenħtieġ li jiżola u jżomm b'mod sikur l-informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni trasferita billi japplika l-istess politiki, proċeduri u salvagwardji għaż-żamma tar-rekords għall-informazzjoni trasferita fir-rigward tal-informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni rrapportata lir-repożitorju tat-titolizzazzjoni u magħmula disponibbli minnu sad-data tal-waqfien tal-operazzjonijiet tiegħu bħala repożitorju tat-titolizzazzjoni u jiżgura l-irkupru fil-ħin tal-informazzjoni f'mhux aktar minn sebat ijiem kalendarji.
12. Fid-data tal-waqfien reali tal-operazzjonijiet tiegħu bħala repożitorju tat-titolizzazzjoni, ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik jenħtieġ li jwettaq qerda sigura tal-informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni trasferita, skont il-prattiki ewlenin u t-tekniki disponibbli l-aktar affidabbli, bil-għan li jiġi żgurat li l-informazzjoni ma tkunx tista' tinkiseb wara dik id-data.

ANNEX B

Proċedura għat-trasferiment ta' informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni fuq talba ta' entità relatriċi

1. Ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik jenħtieġ li jiddetermina u jilħaq qbil mal-entità relatriċi fir-rigward tal-informazzjoni aggregata li ġejja dwar it-titolizzazzjonijiet tal-entità relatriċi soġġetti għal trasferiment:
 - (a) l-għadd totali ta' titolizzazzjonijiet;
 - (b) l-għadd totali ta' entrati (bl-użu tal-kodiċijiet stabbiliti fit-Tabella 3 fl-Anness I għar-Regolament Delegat dwar ir-Rekwiżiti għall-Iżvelar tat-Titolizzazzjoni u l-kronogrammi tas-sottomissjoni assoċjati).
2. Wara li jiffirma l-ftehim kuntrattwali rilevanti mal-entità relatriċi, ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-ġdid jenħtieġ li jikkomunika l-pjan ta' migrazzjoni lir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik u jiftiehm u miegħu dwaru.
3. Ir-repożitorji tat-titolizzazzjoni jenħtieġ li jaqblu dwar il-pjan ta' migrazzjoni għat-trasferiment tal-informazzjoni mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol wara li r-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik jirċievi t-talba mir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-ġdid.
4. Ladarba jiġi kkonfermat l-għadd tat-titolizzazzjonijiet u tar-reġistri mill-entità relatriċi, jenħtieġ li r-repożitorju tat-titolizzazzjoni antik jipproċedi billi jipprepara l-fajl(s) rilevanti għat-trasferiment skont dawn il-Linji Gwida. Jenħtieġ li r-repożitorji tat-titolizzazzjoni antik u ġdid iwettqu l-pjan ta' migrazzjoni. Jenħtieġ li r-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik jittrasferixxi l-fajls ġenerati lir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-ġdid, skont il-prinċipji li ġejjin:
 - (a) f'każ li l-volum tal-fajls ikun jista' jiġi mmaniġġat, ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik għandu jittrasferixxi l-fajls kollha fl-istess ħin.
 - (b) f'każ li l-volum tal-fajls ma jippermettix it-trasferiment simultanju, jenħtieġ li tiġi segwita s-sekwenza stabbilita f'dawn il-Linji Gwida.
 - (c) Jenħtieġ li l-fajls jiġu trasferiti fi tmiem il-ġimgħa predeterminat jew, f'każ li l-volum tal-fajls ma jippermettix it-trasferiment simultanju fi tmiem il-ġimgħa predeterminat, mal-ewwel opportunità fi żmien il-ġimgħa kalendarja li jmiss.
5. Jenħtieġ li r-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-ġdid jinnotifika lill-ESMA b'email dwar it-trasferiment.
6. Malli l-elementi għat-titolizzazzjonijiet tal-entità relatriċi jiġu ttrasferiti fir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-ġdid, ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-ġdid jenħtieġ li jikkonferma dan, inkluża d-data tat-tlestija tat-trasferiment, lill-entità relatriċi affettwata, lir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik, u lill-utenti rreġistrati mar-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-ġdid. Ir-

repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik jenħtieġ li jikkonferma dan, inkluża d-data tat-tlestija tat-trasferiment, lill-utenti rreġistrati mar-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik.

7. Jenħtieġ li r-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-ġdid jiddetermina ċ-ċifri u l-informazzjoni li għejjin għar-reġistri riċevuti:
 - (a) l-għadd totali ta' titolizzazzjonijiet;
 - (b) l-għadd totali ta' entrati (bl-użu tal-kodiċijiet stabbiliti fit-Tabella 3 fl-Anness I għar-Regolament Delegat dwar ir-Rekwiżiti għall-Iżvelar tat-Titolizzazzjoni u l-kronogrammi tas-sottomissjoni assoċjati).
8. Jenħtieġ li r-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-ġdid jitlob il-konferma mill-entità relatriċi tal-preċiżjoni tal-informazzjoni t'hawn fuq fir-rigward tar-reġistri proprji tal-entità relatriċi. F'każ li jkun hemm diskrepanza, iż-żewġ repożitorji tat-titolizzazzjoni jenħtieġ li flimkien jippruvaw jirrikonċiljaw in-numri rilevanti mal-entità relatriċi sakemm jintlaħaq qbil - ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik jenħtieġ li jibda u jikkoordina dan il-proċess.
9. Ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-ġdid jenħtieġ li jinnotifika lill-utenti rreġistrati tiegħu (permezz ta' email) li l-entità relatriċi tkun qalbet għalih.
10. Ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik jenħtieġ li jneħħi t-titolizzazzjonijiet migrati minn kwalunkwe aggregazzjoni tad-*data* jew rapporti oħra prodotti kif stabbilit fir-Regolament Delegat dwar l-Istandards Operazzjonali tar-Repożitorju tat-Titolizzazzjoni⁹.
11. Ir-repożitorju tat-titolizzazzjoni l-antik jenħtieġ li jiżola u jżomm b'mod sigur l-informazzjoni trasferita, billi japplika l-istess politiki, proċeduri u salvagwardji għaż-żamma tar-rekords għall-informazzjoni trasferita għall-bqija tal-informazzjoni dwar it-titolizzazzjoni rrapportata lir-repożitorju tat-titolizzazzjoni u magħmula disponibbli minnu, għat-tul ta' żmien preskritt skont l-Artikolu 8 fir-Regolament Delegat dwar l-Istandards Operazzjonali għal Repożitorju tat-Titolizzazzjoni u jiżgura l-irkupru tal-informazzjoni f'mhux aktar minn sebat ijiem kalendarji.

⁹ B'mod partikolari l-Artikolu 2 u l-Artikolu 4(9) tar-Regolament Delegat dwar l-Istandards Operazzjonali tar-Repożitorju tat-Titolizzazzjoni